TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT/105/22/S

John Coleiro
vs
Portelli & Brincat Ltd

Illum 26 ta'Jannar,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' John Coleiro ipprezentata fis-26 ta'Lulju,2022 filwaqt li s-socjeta Portelli & Brincat Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' "blinds" li pero baqghu ma sarux mis-socjeta intimata;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' John Coleiro u ebda rapprezentant tas-socjeta intimate ma deher ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' John Coleiro li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega t-talba tieghu izda min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €100 li kien id-depozitu tal-'blinds' hu gustifikat u ghandu jithallas lura lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' John Coleiro u Jordna lis-socjeta intimata Portelli & Brincat Ltd thallas lil John Coleiro s-somma ta' €100. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta Portelli & Brincat Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru